**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 191/14/ MS**

**Annalise Galea**

**vs**

**Monopole.**

Illum 17 ta' Novembru 2014,

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-avviz fl-ismijiet fuq premessi tat-3 ta' Settembru 2014, fejn ir-rikorrenti stqarret:

i) Illi hi kienet xtrat hair dryer minghand is-socjeta' intimata li kienet difettuza u ghalhekk kienet giet mibdula u nghatat hairdryer ohra.
ii) illi t-tieni hairdryer kienet waqfet tahdem fi zmien sitt xhur, u wara li sewwietha u hallset €9.03, xorta baqghet ma tahdimx u s-socjeta' ma riedux ibidluha.

Wara li ha konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta' konvenuta tat-3 ta' Ottubru 2014 illi fiha is-socjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub:

i) illi preliminarjament it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni tal-kawza stante li l-Avviz tat-talba ma kienx fiha ebda talba:
ii) illi l-azzjoni hija insostenibbli peress illi r-rikorrenti ma ottemporatx ruhha mal-artikolu 79(1) tal-kap 378 tal-ligijiet tal-Malta;
iii) minghajr pregudizzju, il-pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante fatti inveritjeri.

**Sema' bil-gurament il-partijiet u x-xhieda:**

Illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014 xehdu l-partijiet bil-gurament. Xehdet ukoll Elaine Cachia, prodotta mir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti Annalise Galea qalet illi hija kienet xtrat hairdryer fil-11 ta' Frar 2013, liema hairdryer ma kenitx isahhan u ghalhekk kienet haditha lura wara gimgha u cjoe' fit-18 ta' Frar 2013, fejn dakinhar stess kienet inghatat ohra tal-istess marka. Fuq domanda tat-Tribunal, ir-rikorrenti qablet illi wara disa' xhur (u mhux sitt xhur kif ntqal fl-avviz), kienet regghet marret ghandhom peress illi il-hairdyrer kienet qed tisparkja. Biddlu xi wires u kellha thallas €9.03 ghat-tiswija. Ir-rikorrenti ziedet tghid illi wara li haditha d-dar, xorta

wahda ma baqghetx tahdem sew. Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-ircevuta u tat-tiswijiet li kienu saru, kif ukoll kopja tal-garanzija.

Ix-xhud Elaine Cachia qalet illi kienet hi illi hadet il-hairdryer ghat-tiswija u qalet illi l-hairdryer 'daqqa tishon u daqqa le'.

Xehed ukoll Raymond Mallia, direttur tal-kumpanija Monopole, li qal illi ghalkemm huwa ma jkunx fil-hanut, l-ilment tal-attrici kien wasal ghandu u ikkonferma li huma kienu biddlulha i-hairdryer l-ewwel darba. Meta imbaghad, l-attrici regghet giet f'Novembru, u cjoe' 9 xhur wara, u ilmentat li l-hairdyer ma kienx qed tahdem, huma fethuha u sabu li kienet mimlija xahar u kellha bzonn service. Ir-rikorrenti ma reditx thallas il-kont tat-tiswija u gergret u ppretendiet illi tiehu hairdyer ohra ta' marka differenti.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-artikolu 79(1) tal-Kap 378, meta r-rikorrenti ntebhet bid-difett, u cjoe' f'Novembru 2013, kellha zmien xahrejn biex tavza lill-kummercjant bil-miktub b'dan in-nuqqas jew diffett. Ir-rikorrenti kellha tipprova illi dan l-avviz bil-miktub sar fi zmien stipulat, u fin-nuqqas, hi ma tistax tibbenefika minn ebda rimedju taht it-Taqsima IX tal-Kap 378. Din il-prova ma saritx.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta, illi l-hairdryer in kwistjoni gie kkunsinjat fit-18 ta' Frar tat-2013; skond ir-rikorrenti, bdiet bil-problemi f'Novembru tat-2013 (id-data tal-ircevuta tat-tiswijiet hija indikata bhala l-14 ta' Novembru 2013) u l-ilment taghha sar fit-3 ta' Settembru 2014 - jigifieri 10 xhur wara.

Minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, jirrizulta wkoll illi l-hairdryer kellha garanzija ta' sitt xhur mid-data tal-kunsinja - i.e. sat-18 ta' Awwissu 2013. F'Novembru 2013 meta r-rikorrenti ntebhet bl-allegat diffett, il-hairdryer ma kenitx koperta b'ebda garanzija ghaliex kienet lahqet skadiet tlett xhur qabel.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal qed jilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata, u wara li kellha l-opportunita' li tisma' u tevalwa x-xhieda u l-komportament taghhom u tara d-dokumenti ezebiti, huwa konvint illi s-socjeta' intimata ma naqqset xejn u bl-ebda mod fis-servizzi taghha. A bazi tat-tieni eccezzjoni hekk milqugha mit-Tribunal, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Michela Spiteri Av**
**Arbitru**